MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1332/2003

**Tony Mifsud**

**Vs**

**Av. Dr. Leslie Cuschieri u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Novembru 2003, bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Gianpaolo Capelli.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-konvenut jinsab debitur ta' l-attur fis-somma komplessiva ta' ghaxart elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm10,600) rapprezentanti import ta' cheques bin-numri

792 u 809 (Dok. A) fl-ammonti ta’ ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) u sitt mitt Lira Maltin (Lm600) rispettivament li ma gewx onorati mill-Bank, liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi nonostante illi gie interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici;

Talab illi din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ ghaxart elef u sitt mitt Lira Maltin rapprezentanti import ta’ cheques bin-numri 792 u 809 fl-ammonti ta’ ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) u sitt mitt Lira Maltin (Lm600) rispettivament li ma gewx onorati mill-bank.

Bl-imghax legali mid-dati rispettivi tac-cheques fuq imsemmija sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Ottubru, 2003, u tal-mandat ta’ sekwestru illi qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’

l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------